MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2009

Numru. 140/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR GEOFFREY CILIA**

**KONTRA**

**HASHEM AMIN OMRAN**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Hashem Amin Omran ta’ 46 sena, bin Amin u Fatima nee’ Mohamed, mwieled l- Egittu nhar is- 6 ta’ Mejju 1962, residenti Charles, Triq J.Borg, Pieta u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 198591 (M) u passaport numru 751158;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) nhar it- 28 ta' Jannar 2009, fil- Belt Valletta, iddenunzja lill- Pulizija Ezekuttiva reati li jaf li ma sarux, inkella bil- qerq holoq it- tracci ta' reati b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dawn ir- reati kienu saru;

2) aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli billi kisser il- hgiega ta' vettura Peugeot bin-numru tar- registrazzjoni BCK 431, liema hsara tiskorri l-mija u sittax il- Ewro izda anqas minn elf mija u sittin Ewro;

3) u aktar talli it- 28 ta'Jannar 2009 u fil- granet ta' qabel din id- data, f'dawn il- Gzejjer, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l- kunsinna ta' oggetti jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal- Gvern;

4) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, nkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe' ghamel falsifikazzjoni tal- firma tad- diretturi tal-kumpanija Nak Nak Ltd. u / jew persuni ohra fuq zewg cekkijiet tal- bank HSBC (numru 6 u 10), fuq akkont ta' l-imsemmija kumpanija u persuni;

5) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta' taghrif falz;

6) u aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn dokument falsifikat;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat, irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza hija frott ta' pressjoni ta' nuqqas ta' flus u mezzi li l-imputat, aktarx, hu stess gab fuqu. L-istqarrija tieghu tispjega x'gara u x'ghamel biex hu pprova jahrab mir-responsabbiltajiet finanzjarji tieghu. Ghalkemm hemm diversi reati addebitati lilu, r-reat hu primarjament wiehed, li ghamel rapport falz lill-Pulizija. Il-kumplament huma r-risultat ta' attentat ta' dilungar li jhallas id-dejn tieghu lil terzi, u wara dawn ma kienu ser iwasslu mkien, l-imputat ivvinta l-istorja li gie misruq u holoq tracci ta' reat li jaf li ma sehhx, biex fi kliemu stess, jirbah ftit taz-zmien. Izda fil-hajja, tipprova kemm tipprova tahrab, xi darba l-gideb jilhqek, u hekk gralu l-imputat. Kwantu ghall-piena, in vista tal-ammissjoni bikrija, il-Qorti sejra taghti piena ta' prigunerija sospiza, bit-tama li l-imputat fehem il-konsegwenzi serji li jiffaccja jekk jerga' jonqos f' eghmilu.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 110 (2), 325, 167, 183, 184, 188 u 189 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal sentejn ai terminu tal- Artikolu 28 A tal- Kapitolu 9 tla- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------